MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 4/2014

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 04/2014**

**JOSEPH MICALLEF**

**Vs**

**MALTCO LOTTERIES LTD**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunzjata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fit-03 ta’ Marzu 2014 fejn gie deciz:-

*“It-Tribunal,*

*Ra l-avviz ta’ Joseph Micallef tal-4 ta’ Lulju 2011 fejn stqarr illi s-Sibt 14 ta’ Mejju 2011 huwa rebah €500 fil-lottu imma tnaqqaslu 65% mir-rebh u ha bis €175. Meta lmenta mas-socjeta` konvenuta, din iddefendiet ruhha billi qalet illi*

*fil-ktieb hemm ir-rata ta' tnaqqis imma dan m'hux minnu u l-ktieb jispecifika li r-rebh jista' jitnaqqas imma m'hux ir-rata ta' tnaqqis. L-attur allega illi dan hu ngann.*

*Ra r-risposta dettaljata tas-socjeta konvenuta illi fiha ma kkontestax illi sar it-tnaqqis tar-rebh fil-jum imsemmi peress illi r-rebh totali qabez il-limitu ta' 70% tal-bejgh ghal dak it-tough u dana skond ir-regolamenti tal-loghba tal-lottu kif approvat mill-Awtorita' tal-Lotteriji u Loghob (LGA). Dawn ir-regolamenti jinstabu fil-ktieb tal-gugaturi li qieghed f'kull banka tal-lottu kif ukoll fuq is-sit tas-socjeta` konvenuta. It-tnaqqis isir skond kemm ir-rebh jaqbez l-ammont ta' 70% tal-bejgh u ovvjament ma jistax jigi ffissat a priori. Fil-kaz tal-jum partikolari, 35% tar-rebh biss gie distribwit.*

*Is-socjeta konvenuta qalet ukoll illi hija ppubblicizzat immedjatament dan it-tnaqqis fir-rebh kif dejjem taghmel u tali tnaqqis sar skond ir-regola tal-capping kif iffissata mil-LGA.*

*Sema l-provi u trattazzjoni tal-partijiet*

*Ikkonsidra,*

*Illi huwa car illi s-socjeta' konvenuta kellha kull dritt li tnaqqas ir-rebh meta dan jaqbez sebghin fil-mija tal-bejgh tal-biljetti tal-lottu. Madankollu, dan it-Tribunal irid ihares lejn il-kwistjoni minn ottika differenti. Fl-ewwel lok, wiehed irid jara jekk il-konsumatur kellux avviz adekwat tal-possibilita' ta' tali tnaqqis fir-rebh fl-eventwalita` msemmija. Fit-tieni lok, wiehed irid jara jekk ingabietx prova adekwata illi effettivament kienu jezistu l-estremi sabiex isir it-tnaqqis tar-rebh kif is-socjeta konvenuta kienet certament intitolata li taghmel.*

*Mix-xhieda tal-attur u ta' martu, jidher car illi l-informazzjoni dwar il-possibilita ta' tnaqqis ta' rebh kienet skarsa hafna. Certament jidher illi l-attur u martu ma nghatawx spjegazzjoni cara fil-banek tal-lottu illi xtraw il-biljetti rebbieha u fejn marru jisbankaw ir-rebh. L-attur m'ghandu l-ebda tort illi fil-banek tal-lottu in kwistjoni ma kienx hemm kopja tal-ktieb tal-gukaturi u r-ricevituri l-anqas biss jidher illi kienu jafu bi9h. Il-prova f'dan ir-rigward kellha ssir mis-socjeta konvenut illi allegat illi tali kiteb jinsab fil-banek tal-lottu kollha imma ma sarietx. .*

*It-Tribunal jinnota ukoll illi s-socjeta` konvenuta harget stqarrija ghall-istampa dwar it-tnaqqis tal-bejgh fis-16 ta' Mejju 2011 (Dok.A(1)), jigifieri jumejn wara t-tlugh tal-lottu in kwistjoni u dana meta l-awtorizzazzjoni sabiex isir it-tnaqqis tal-bejgh kien ilu li nghata mit-2 ta' Lulju 2007. It-Tribunal ihoss ukoll illi l-anqas m'hu sufficjenti illi wiehed ipoggi avviz zghir fuq poster fil-banek tal-*

*lottu illi jghid illi wiehed jista' jara r-regoli dwar it-tnaqqis tal-bejgh fis-sit tas-socjeta konvenuta. It-Tribunal ihoss illi tali possibilita` ta' tnaqqis fir-rebh kellha tigi avzata billi ta' l-anqas tigi stampata bl-aktar mod car fuq il-biljett tal-lottu kif ukoll kellha tinghata pubblicita` wiesgha mis-socjeta konvenuta. Ghaldaqstant, jidher illi s-socjeta konvenuta ma ezercitatx id-diligenza mehtiega sabiex taghti avviz adekwat lill-gukaturi dwar il-possibilita` ta' tnaqqis fir-rebha u t-tnaqqis sehh habta u sabta minhabba l-livell straordinarji ta' rebh fil-jum in kwistjoni.*

*Fit-tieni lok, it-Tribunal ma' jhossx illi s-socjeta` konvenuta gabet provi sufficjenti illi r-rebh in relazzjoni mal-bejgh fil-jum in kwistjoni kien kif qed tallega. L-anqas ma' ngibet l-ebda prova illi l-awtorita` regolatorja kienet b'xi mod ivverifikat illi r-rebh kien jizboq bil-kbir il-bejgh f'dak il-jum partikulari. It-Tribunal ma jista joqghod fuq mera allegazzjoni meta ma ngabetx prova konkreta illi l-fatti kienu kif qed tallega s-socjeta konvenuta.*

*Ghar-ragunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-ammont mir-rebh illi ma thallasx lill-attur cioe` is-somma ta' €324.80.*

*Spejjez ta' dina l-vertenza ghas-socjeta konvenuta."*

Minn din is-sentenza s-socjeta Maltco Lotteries Ltd ħassitha aggravata u interponiet l-preżenti appell bis-sahha ta' dak li jipprovid l-artikolu 22(2)(c) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta meta tallega illi it-Tribunal mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali, u dana ghaliex id-decizjoni hija wahda *extra petita* fejn allura l-appellanti ma inghatatx l-opportunita li tressaq id-difiza taghha ghal punt ta' dritt deciz mit-Tribunal, li ma kienx gie imqajjem u trattat waqt il-proceduri biex b'hekk kien hemm lezjoni tad-dritt ta'l-*audi alteram partem*.

Illi b'risposta ghal dan il-gravam l-appellat jissolleva il-pregudizzjali dwar l-improponibbilita ta'l-appell billi l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni qatt ma giet sollevata in prim'istanza. Illi din il-Qorti tistqarr il-perplessita' taghha lejn din l-opposizzjoni ta'l-appellat lejn l-appell interpost u dan ghaliex

ma jirrizultax illi l-aggravvji sollevati b'xi mod jolqtu il-kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal adit b'din il-vertenza. Dan ma jistax ghalhekk ifisser illi l-pregudizzjali sollevata lanqas ma tista' tigi ikkunsidrata billi ma hijiex diretta lejn il-gravam kif sottopost. Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi minnufih sabiex tezamina l-aggravvji tas-socjeta appellanti.

Illi l-osservanza skrupoluza tal-principji tal-gustizzja naturali f'kull gudizzju huwa essenzjali u ma jistax jigi injorat u l-gudikant ghandu joqghod attent illi bid-decizjoni tieghu ma ikunx qed johrog barra l-parametri ta' dak li ikun gie sottomess ghal gudizzju tieghu u li ghalhekk ikun jirrizulta mill-atti probatorji. Nuqqas milli jaghmel dan ifisser illi l-kontendenti ma ikunux inghataw dik l-opportunita' xierqa illi iressqu is-sottomissjonijiet u provi in konnessjoni ma' dik il-parti decizorja tal-gudizzju li tkun harrget 'il barra mill-parametri tal-istruttorja.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation (deciza 27/10/2004) jinghad: "**Fl-ordinament guridiku bhal taghna it-tutela tal-jeddijiet fundamentali bazat ukoll fuq il-principji ta' gustizzja naturali tantecedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni b' hafna u hafna decenni u spiss taghti kopertura aktar u aktar komprensiva lil dawn il-jeddijiet. Ara "Grazio Tabone et - vs- LAvukat Generali tar-Repubblika", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000; Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha. Ara f' dan is-sens decizjonijiet riportati a Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648 u Vol. XXXVII P II p 675, fost ohrajn; Ta' min isemmi wkoll illi l-opportunita` tad-difiza pjena, anke jekk dan mhux precizat b' mod kategoriku u dirett fl-accennati sentenzi, tinkorpora fiha l-principju daqstant iehor importanti ta' l-hekk definit**

**"equality of arms". Principju dan illum sew stratifikat fi procedimenti ta' indole kostituzzjonali u konvenzjonali.**"

Dan ghaliex ghall-iskop li jkun accertat jekk fil-kaz partikolari jezistux il-ksur allegat, wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-argomenti li fuqhom hi mibnija d-decizjoni u jistabilixxi jekk il-partijiet inghatawx il-possibilita` li jiddiskutu fatti u cirkostanzi li minnhom evolviet ir-*ratio decidendi* tas-sentenza, u eventwalment jekk kienx hemm elementi li jillustraw konvinciment divers.

Illi s-socjeta appellanti tallega illi dan ma sehhx ghaliex il-perm tal-vertenza kienet il-kwistjoni jekk hija kellhiex id-dritt skont il-ligi illi taghmel it-tnaqqis fl-ammont moghti lill-gukatur rebbiegh meta ir-rebh totali ikun jaqbez il-bejgh ghal dik il-gukata partikolari u dan b'persentagg proprozjonali. Illi mid-decizjoni impunjata jidher illi t-Tribunal irrikonoxxa dan il-jedd, izda imbaghad ghadda sabiex laqa' it-talba attrici ghaliex sahaq illi il-gukatur, u cioe' l-appellat, ma kienx gie moghti informazzjoni sufficjenti preventivament meta huwa mar jixtri il-biljett, haga li jidher li ma kenitx tifforma parti mill-argomentazzjonijiet legali u fattwali migjuba 'il quddiem miz-zewg partijiet. Inoltre is-sentenza issostni illi s-socjeta appellanti naqqset milli tressaq provi sufficjenti sabiex tipprova illi fil-gukata partikolari tas-Sibt 14 ta' Mejju 2011, ir-rebh kien jizboq l-ammont tal-bejgh b'persentagg ta' 70%.

Illi din il-Qorti tara illi s-socjeta appellanti ghandha ragun fl-ilment minnha imressaq. Dan ghaliex minn qari tal-avviz imressaq mill-appellat jirrizultaw zewg fatturi u cioe' :

1. Illi l-appellat kien diga jaf illi isir dan it-tnaqqis fir-rebh meta ighid "*Dan mhux l-ewwel darba li naqqsuli mill-ammont*", izda jidher illi fil-gukata mertu tal-kaz ir-rata kienet wahda oghla mis-soltu.

2. Illi jidher anke illi l-appellat kien jaf ben tajjeb x'kien il-kontenut tal-librett u cioe' il-*Players Booklet* li jinsab fil-banek tal-lottu.

Dan ifisser allura illi t-Tribunal ma setax minn jeddu jasal sabiex jilqa' it-talbiet attrici abbazi ta' fatti li lanqas ma huma premessi fl-avviz promotur u jidher illi qatt ma kienu jiffurmaw kontroversja bejn il-ko-litigandi, hlief ghal fatt illi ghalkemm l-appellat fix-xhieda tieghu jikkonferma l-avviz imbaghad jallega illi hadd ma kienx irreferieh ghal dawn il-ktejjeb u li fi kwalunkwe kaz huwa ma jafx jaqra u lanqas ghandu kompjuter.

Illi l-jedd moghti bil-ligi illi isiru aggustamenti fir-rebh tal-lottu tinsab enkapsulata fl-artikolu 78 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta:

**(1) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti biex iwettaq id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ħlief għad-disposizzjonijiet tat-Taqsima VIII. (2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu minnufih qabel dan, il-Ministru jista' b'dawk irregolamenti :- (b) jirregola l-logħbiet, kategoriji speċifikati ta' logħbiet jew logħbiet speċifikati, u kull ħaġa li għandha x'taqsam magħhom inkluż il-ħlas ta' ġugati, il- ħlasijiet ta' perċentwali u, jew il-premjijiet jew rebħiet għal-logħbiet;**

Illi il-"capping rule" kif inhi ahjar maghrufa allura tohrog mis-setgha moghtija bil-ligi taht dan l-artikolu, li jidher li giet approvata mill-Awtorita Maltija dwar il-Loghob u mill-Ministru tal-Finanzi. Illi dana il-fatt gie rikonoxxut fid-decizjoni impunjata meta gie deciz testwalment illi:
"***Illi huwa car illi s-socjeta konvenuta kellha kull dritt tnaqqas ir-rebh meta dan jaqbez sebghin fil-mija tal-bejgh tal-biljetti tal-lottu.***"

Illi ghalkemm huwa l-obbligu tal-venditur jew prestatur ta' servizzi li jforni lill-konsumatur l-informazzjoni kollha pertinenti ghall-oggett komprat jew tas-

servizz offert, madanakollu, f'dan il-kaz jidher illi l-appellat kien jaf ben tajjeb b'dan ir-regolament meta xtara il-biljett tal-lottu mertu tal-kaz u mhux kif erronjament deciz mit-Tribunal li strah unikament fuq dak mistqarr mill-appellat fix-xhieda tieghu li fl-ahhar mill-ahhar m'huwa xejn hlief kontradizzjoni ta' dak dikjarat minnu fl-avviz u anke ikkonfermat minnu matul ix-xhieda tieghu. Illi anke fid-dokumenti annessi ma'l-avviz mill-istess appellat li hija l-informazzjoni li kien hemm fil-banka tal-lottu hemm indikat car u tond illi l-gukatur qed jigi moghti iktar informazzjoni fil-ktejjeb tal-gugaturi u li "*limitazzjonijiet fir-rebh jistghu jigu applikati f'kaz li r-rebh jeccedi l-fondi*." Huwa evidenti illi b'kemm ser ikun dan it-tnaqqis ma jistax jigi avzat minn qabel ghaliex jiddependi min-numru ta' gukati li isiru u allura mid-dhul u ir-rebh eventwali. Fuq kollox il-loghob ta'l-azzard ipoggi lill-konsumatur f'posizzjoni ta' riskju u f'sitwazzjoni ta' certu imprevvedibbilita' minghajr ebda garanziji, liema riskju huwa jidhol ghalih b'konoxxenza shiha illi ir-rebh tieghu, jekk isehh, jista' ikun wiehed limitat.

Illi l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi it-Tribunal stabbilit illi t-tnaqqis maghmul kien wiehed skont il-ligi, ma setax allura jiddeciedi l-kawza f'parametri ohra li ma kenux gew sottoposti ghal gudizzju tieghu. Lanqas ma seta it-Tribunal jiddeciedi illi ma kienx hemm provi fl-atti li jindikaw illi fil-fatt il-gukati kienu jizbqu ir-rebh ghal jum tal-14 ta'Mejju 2011 meta is-socjeta appellanti sahansitra esebiet diversi avvizi anke maghmula fil-gazzetti lokali fejn kienu qed javzaw lill-klijenti taghhom b'dan il-fatt. Ma kien hemm xejn x'jindika fl-atti illi s-socjeta appellanti ghamlet dan b'xi ingann u lanqas gie allegat dan il-fatt.

Ghaldaqstant l-aggravvju sollevat mis-socjeta appellanti jisthoqq akkoljiment u bil-fakolta moghtija lilha skond il-previzjoni tal-ligi bl-Artikolu 22(4) tal-

Kapitolu 378, tiddikjara illi gjaldarba huwa stabbilit illi it-tnaqqis fir-rebh sar skont il-ligi, it-talba attrici ma tisthoqqx akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell interpost mis-socjeta appellanti, tirrevoka is-sentenza appellata u tghaddi biex tichad it-talba attrici.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------